**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 12-12

**Data: 22 ta' Novembru** 2012

**Hin:** 5.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

1. **Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 11.12 gew moqrija u approvati b'vot unanimu fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsillier Roderick Mizzi.

2. **Punti mqajjma mill-Minuti:-**

2.1 Xogholijiet ta' resurfacing ta' Toroq - Konferenza Stampa fi Triq Patri Mattew Sultana.

Il-Kunsill iffissa d-data tal-konferenza stampa ghal nhar is-Sibt 24 ta' Settembru 2012 fid-09.00 ta' filghodu.

2.2 Xoghol fl-Isqaq l-Ixprunara.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li beda x-xoghol mill-kuntrattur tal-WSC ghas-servizzi tal-ilma. Il-Bord tal-Urban Improvement Fund tal-MEPA approva il-finanzjament tax-xoghol ta' pavimentar fl-Isqaq Marina Nru 1.

2.3 Encroachment ta' bicca art fil-bajja ta' Rnella.
Is-Sindku qal li l-osservazzjoni tal-Kunsill intbghatet lill-Ministru Onor Jason Azzopardi u nistennew it-twegiba relatata.

2.5 Plakka Kommemorattiva taz-Zjara tal-Papa Benedittu XVI.
Il-Kunsill irringrazzja lill-Onorevoli Ministru George Pullicino talli ghogbu jaghti donazzjoni z-zonqor sabiex ikun jista jinhadem dan il-monument. Ser tohrog sejha ghall-kwotazzjoni ghat-tqattih ta' dan il-monument kif ukoll issir l-applikazzjoni ghad-DNO tal-MEPA.

**3 Komunikat mis-Sindku u approvazzjoni ta' xogholijiet.**

3.1 Xogholijiet.

3.1a Parti mill-bankina ta' Triq il-Missjoni Taljana ghandha ssir max-xogholijiet fuq il-bankini fil-bidu tas-sena d-diehla.

3.1b Skema Nru 2 tal-Awtorita tad-Djar ghas-sena 2013.
Is-Sindku qal li ghas-sena d-diehla fadal 10 binjiet ohra li ghalihom ser issir l-applikazzjoni ghal din l-iskema.

3.1c Is-Sindku ppropona li bil-fondi tal-Urban Improvement li jifdal wara li jsir l-Isqaq Marina Nru 1, isiru mill-gdid il-bankijiet tal-Pjazza Sagra Familja. Il-Kunsill qabel mal-proposta. Il-Kunsilliera Speranza Chircop qalet li ghandhom jinbidlu l-bankijiet tax-Xatt ukoll. Is-Sindku qal li fondi m'hemmx bizzejjed biex jinbidlu ta' kullimkien u li issa l-priorita qeda f'dawk tal-Pjazza Sagra Familja. B'hekk din il-pjazza ikun sar upgrading shih matul is-sena 2012. Il-Vici Sindku Norbert Grech qal li dak il-bank li sar fil-Pjazzetta Santu Rokku ghandu jinbidel ghax mhuwiex kif rieduh in-nies. Is-Sindku qal li meta jidhol il-haddiem li jahdem fuq l-injam mil-leave, is-sena d-diehla dan jitranga minnufih, u ghandu jitwahhal ukoll il-bin fejn Bighi Bar.

3.1d Il-Kunsilliera qalu li qed tinholoq problema dwar kaxxi tal-kartun li qed jitpoggew quddiem certi hwienet, li dawn qed jikkawzaw zgombru u ostaklu ta' parkegg. Is-Sindku qal li diga gew avvicinati l-gwardani lokali sabiex jinforzaw aktar fejn tidhol osservazzjoni ta' regolamenti ta' traffiku u ligijiet ohra u f'kaz li dan l-abbuz jibqa jsir, il-Kunsill ser jinforza wkoll permezz tal-Pulizija.

3.1e Fuq talba tal-Bank of Valletta gejna mitluba sabiex nirrikonfermaw illi s-Segretarju Ezekuttiv Sharon Galea Iriele ghandha l-permess bhala Seg Ezekuttiv li tuza l-Internet Banking key view only.

**4. Vakanza ta' Librar**

Is-Sindku u l-Vici Sindku gew ezentati mill-process kollu ghall-ghazla tal-Librar minhabba li kien hemm membru tal-familja tat-tnejn li huma, li applika ghal din il-vakanza. Ghaldaqstant din il-parti tas-seduta giet immexxija mill-Kunsilliera Maria Sultana li talbet lis-Seg Ezekuttiv ir-rapport tar-rakkomandazzjoni tal-bord tal-ghazla. Dan il-Bord kien jikkonsisti mis-Sur Joe Debattista, Konsulent mill-Librerija Nazzjonali, il-Kunsillier responsabbli mill-librerija pubblika lokali is-Sur Roderick Mizzi u mis-Seg Ezekuttiv. Wara li nghatat spjegazzjoni dwar il-mod kif saret l-ghazla fuq sistema ta' punti waqt l-interviews kif proposta mill-Librerija Nazzjonali u

approvata mill-Bord, kien hemm qbil mill-Kunsilliera prezenti li tigi approvata ir-rakkomandazzjoni tal-bord u eventwalment il-lista kif ipprezentata waqt din is-seduta. Kien hemm qbil li l-ewwel preferenza tinghata lil dik il-persuna li gabet l-akbar ammont ta' punti, fejn fl-eventwalita li din ma taccettax li timla din il-vakanza l-ghazla taqa fuq it-tieni persuna li gabet it-tieni l-aktar punti. Tibqa tintuza din is-sistema sakemm jimtela l-post vakanti. Il-Kunsill qabel li din il-lista ghandha tibqa valida ghal tlett snin mill-1 ta' Jannar 2013.

**5. Approvazzjoni ta' Tenders**

It-Tender ghas-'*Supply and Fix of Railing'* il-Kunsill qabel li jghazel l-orhos offerta. Il-Kuntrattur huwa Alexander Fenech.

It-Tender ghas-'*Supply of Decorative Lamps'*, il-Kunsill qabel li jghazel l-orhos offerta dik ta' Calleja Ltd.

**6. Jum il-Kalkara.**

Il-Kunsilliera Maria Sultana tkellmet dwar l-involviment tat-tfal tal-iskola fl-okkazjoni ta' Jum il-Kalkara. It-Tnejn 10 ta' Dicembru fid-9.00 ta' filghodu ssir il-Quddiesa fl-Iskola Primarja ghal ruh it-tifla Nicole Zahra u wara jigi inawgurat il-gnien sostenibbli li se jissemma Gnejnet Nicole Zahra. It-tfal kollha tal-iskola wara izuru postijiet ta' nteress fil-lokal stess bhal MCST, Smart City, il-Kunvent tal-Patrijiet Kapuccini u il-Football Ground.

Dwar il-persuna nominata ghal gieh il-Lokal, is-Sindku ippropona lil Oliver Scicluna, guvni b'dizabilita' mill-lokal li qieghed jaghmel hafna xoghol siewi ma' tfal b'dizabilita'. Din il-proposta giet sekondata mill-Kunsillier Roderick Mizzi u approvata b'vot unanimu.

**7. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti.**

Giet approvata wkoll il-lista tal-pagamenti bin-numru tar-referenza 12/12.

**8. Aggornament**

8.1 Il-Kunsilliera Speranza Chircop qajjmet dawn il-punti:

8.1a Ipproponiet li ssir bozza fit-tarag fejn il-Housing Estate tar-Rinella peress li l-post huwa mudlam.

8.2 Il-Kunsilliera Maria Sultana qajjmet dawn il-punti:

8.2a Faccata tal-iskola Primarja Triq is-Sienja kantuniera ma Triq il-Luqqata hemm il-railing maqlugh sabiex jitranga mill-haddiema assenjati mal-Kunsill.

Is-Seduta spiccat fit-8.00 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| M.Cohen | S Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |